## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tad-9 ta' Gunju 2016

Appell Nru: 481/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**Raymond Cutajar**

**George Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Raymond Cutajar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 525356M u George Cutajar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 31486M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a. F'Marsaxlokk, fit-2 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta ta' 17.10hrs, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqisx bi vjolenza pubblika, u ghamlu offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 961 Raymond Debono, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku,

filwaqt illi jkun jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi minn awtorita' kompetenti bi ksur tal-Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, ghamlu hsara volontarja fuq il-hwejjeg ta' PC 961 R Debono ta' inqas minn Lm5.00;

c. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat, glied u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, m'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Lil **<u>George Cutajar wahdu</u>** talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Mag Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D., liema sentenza giet definittiva nhar it-30 ta' April, 2003;

f. U aktar talli **<u>Raymond Cutajar wahdu</u>** huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta li dawn kollha gew definiti f'dati differenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Ottubru, 2013, fejn wara li sabet htija fil-konfront taz-zewg akkuzati, u dan wara li rat l-Artikoli 95 (dak 96 huwa assorbit fl-imsemmi Artikolu) kif ukoll l-Artikoli 338 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-piena, kkundannathom it-tnejn li huma, wara li anke qisithom recidivi, ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Cutajar u George Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tilqa' l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla, jew alternattivament thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza

appellata fil-parti tal-piena billi minflok tkun mposta piena li tkun ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat is-sentenza taghha tas-16 ta' Novembru 2015 fl-istess ismijiet li permezz taghha ddikjarat s-sentenza appellata bhala nulla;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-16 ta' Novembru 2015, din il-Qorti ddikjarat nulla u bla effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-2 t'Ottubru 2005 kontra l-appellanti. Is-segwenti ghalhekk hija sentenza fuq il-mertu fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Illi mill-atti processwali jemergi illi fit-2 t'Ottubru 2005 inqala' disgwid bejn l-appellanti u l-familja Schiavone dwar il-linji demarkanti l-posizzjoni fejn setghu jarmaw il-kiosk taghhom li jidher li kien jintrama quddiem il-hanut "Harbour Lights" gestit minn Schiavone. Jidher illi l-appellanti kienu ramaw il-kiosk taghhom b'mod illi kienu qed ifixklu lill-Schiavone minn passagg liberu quddiem il-hanut taghhom. Sa dan il-hin qamet kwistjoni verbali pjuttost agitata b'hafna tghajjir u offizi verbali izda din kwitat ghall-mument sakemm gie fuq il-post certu Raymond Debono, zewg Vincenza

Debono, wahda mill-ahwa Schiavone li huwa ufficcjal tal-Pulizija. Huwa mar fuq il-post biex iwassal lill-martu d-dar wara x-xoghol u mhux ghaliex kien hemm dak l-inkwiet izda meta ra dak li kien qed jigri, wissa lill-appellanti illi kien Pulizija u li jekk kien hemm xi kwistjoni imisshom jghamlu rapport l-ghassa. Fi ftit sekondi, Raymond Debono spicca aggredit bil-flokk imqatta u grif u demm fuq wiccu;

3. Naturalment ghal dan kollu hemm zewg verzjonijiet kontrastanti. Raymond Debono xehed illi dak inhar kien nizel ghal-mara tieghu li tahdem fil-hanut ta' hutha Schiavone sabiex iwassalha d-dar. Meta wasal hdejn il-hanut sema xi hsejjes u ra lill-appellanti jargumentaw ma' hut il-mara tieghu u rahom ukoll jippruvaw jagredixxu lil Sunny Schiavone, b'demm ma' wiccu, fost ghajjat u dagha. Debono jghid li resaq fuq George Cutajar u avzah diversi drabi li kien Pulizija ghaliex kien liebes pajzan. Huwa rnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni , qal lill-ahwa Schiavone biex icemplu lill-Pulizija u appena kien qed iressaq lill-familjari tieghu biex jidhlu fil-hanut, l-appellanti aggredewh u kkawzawlu l-griehi kif dokumentati fir-ritratti u c-certifikat mediku. Dan ic-certifikat, esebit a fol 25 bhala Dok RD jghid li Raymond Debono kellu abbrazjonijiet fuq haddejh, griehi f'ghonqu u f'sebgha tal-lemin tac-curkett, lkoll griehi hfief. Vincenza Debono, Saviour, Joe u Hermann Schiavone xehedu fuq l-istess linja. Josephine Schiavone kienet xhieda tal-ewwel parti tal-glieda u ghalhekk ma rat xejn fil-konfront tal-aggressjoni subita minn Raymond Debono;

4. L-appellanti, allura imputati ma offrewx id-deposizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti izda l-atti processwali jakkludi stqarrija taghhom mehuda mill-Pulizija u ma kkontestawx il-validita' taghhom. Raymond Cutajar jikkonferma illi kien hemm xi disgwid dwar il-linji ta' demarkazzjoni ta' fejn ghandhom jarmaw it-truck jew kiosk taghhom u jallega li wiehed mill-ahwa Schiavone kien zeba' l-linji mal-art min jeddu. Iben Raymond allura nehha dawn il-linji u meta l-ghada kienu qed izarmaw il-kiosk, wiehed mill-

ahwa Schiavone sejjahlu u waqt li kienu qed jitkellmu b'lehen gholi hareg xi hadd mill-gabbana ta' Schiavone u tefa' lil ibnu ma' l-art u beda jtih bis-sieq. L-appellant ukoll spicca ma' l-art u t-tnejn spiccaw attakkati mill-persuni kollha li kienu fil-gabbana. Raymond Cutajar jghid li qatt qabel ma kien ra lill dik il-persuna li bdiet issawwat lill-ibnu George. Ftit wara waslu l-Pulizija tat-taqsima tal-ALE u dik il persuna li bdiet issawwat lill-Geroge Cutajar marret fuq il-pulizija u bdiet tghajjat li l-ghada ma kienux ser jarmaw hemmhekk. F'din l-istqarrija Raymond Cutajar jichad li din il-persuna qatt identifikat ruhha bhala Pulizija. Din il-verzjoni hija riflessa fl-istqarrija tal-appellant l-iehor George Cutajar. Kien esebit ukoll certifikat mediku ta' Raymond Cutajar li juri li kien sofra minn grif multiplici fuq saqajh it-tnejn;

5. Quddiem din il-Qorti, Raymond Debono xehed in kontro-ezami u beda biex iddikjara li kien qed jirrinunzja ghal-kull proceduri kontra l-appellant u jahfrilhom tant li anke saru hbieb. Ikkonferma li dakinhar ma kienx qieghed bl-uniformi u ma kienx xoghol izda kien avza lill-appellanti li kien Pulizija izda rrimarka li seta kien li l-appellant ma semghux minhabba l-ghajjat u storbju li kien hemm;

6. Minn l-assjem tal-provi, jemergi b'mod inkonfutabbli illi dakinhar inqalet glieda bejn l-appellanti u l-ahwa Schiavone . Hadd mill-ahwa Schiavone ma deher bhala parti leza fl-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti u l-Pulizija ressqet lill-appellanti sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet ravvizati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u ghal ksur ta' zewg kontravenzjonijiet ohra. Issa, sabiex tinsab htija kontra l-imputati ghall-offiza ta' attakk jew rezistenza bi vjolenza u l-offiza fuq il-persuna ta' ufficcjal pubbliku, jehtieg li jkun hemm dik ic-certezza illi ghalkemm l-persuna ma kienitx liebsa l-uniformi u ghalhekk ma kienitx fuq xoghol ufficcjali, kienet ciononostante identifikat ruhha bhala Pulizija bil-mezzi li kellha ghad-disposizzjoni taghha dak il-hin. Jemergi illi l-appellanti qatt ma kienu raw jew iltaqghu ma Raymond Debono precedentement, Dan

huwa anke konfermat mill-istess Raymond Debono. Issa, ghalkemm Raymond Debono jghid illi kien wissa lill-appellanti li huwa kien Pulizija, huwa stess jghid illi jista' jkun li ma semghux minhabba l-ghajjat li kien hemm. Din il-Qorti tara li l-allegat agir tal-appellanti huwa xi ftit jew wisq insolitu ghaliex meta persuna li tidher estraneja ghal-glieda in corso tidentifika ruhha bil-fomm bhala Pulizija u xejn aktar, kif ddur ghaliha, taggrediha u tikkawzalha griehi b'dak il-mod jekk il-glieda kienet mal-ahwa Schiavone u jekk verament dik il-persuna kienet Pulizija allura tista ssib ruhhek f'inkwiet ferm akbar? Din il-Qorti mhi xejn konvinta li l-fatti sehhew skond kif rakkontati mill-ahwa Schiavone u, aktar importanti minn hekk, mhix konvinta li Raymond Debono identifika lilu nniffsu b'mod car, u agixxa b'tali mod li juri li kien Pulizija, b'mod allura li l-ordinijiet tieghu kienu ordnijiet legittimi fil-konfront tal-appellanti. L-element formali tad-delitt kif ravvizat fl-artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 ghalhekk mhux pruvat;

8. Ikkunsidrat inoltre illi kif gia osservat, fl-udjenza tal-4 t'April 2016, Raymond Debono irregistra rinunzja fil-konfront tal-appellanti. Din ir-rinunzja izda ma tistax ggib maghha l-ezawriment tal-proceduri fl-ebda wahda mill-imputazzjonijiet. Dan japplika ukoll fir-rigward tal-imputazzjoni ta' hsara volontarja fil-hwejjeg tal-parti lezi stante illi ma tirrizultax kwerela tal-parti u li l-Pulizija pprocedew kontra l-appellanti *ex officio*. Ma hemm l-ebda dubju li sehhet din il-glieda li fiha kienu involuti l-appellanti liema glieda kienet kawza ta' disturb tal-paci pubblika fejn Raymond Debono sofra hsara fi hwejjgu fl-ammont ta' anqas minn hames liri Maltin u ta' dan, igifieri l-imputazzjoni (b) u (c) l-appellanti qed jinsabu hatja. Kwantu ghall-imputazzjoni (d), igifieri li l-appellanti naqsu li jobdu ordnijiet legittimi tal-Pulizija isegwi mill-konsiderazzjonijiet maghmula ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, li l-appellanti ghandhom ikunu liberati minn din l-imputazzjoni ukoll. '

9. L-appellant George Cutajar kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 t'April 2003. L-appellant Raymond Cutajar kien misjub hati mill-istess Qorti b'sentenza tal-21 t'April 2005 u ghalhekk tirrizulta r-recidiva kif kontemplata fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 9;

10. Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-appellanti hatja tal-ewwel u r-raba imputazzjoni. Wara li rat l-artikoli 325(d), 338 (bb), (dd) u 49 tal-Kapitolu 9, issibhom hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni tikkomprendi ksur ta' zewg kontravvenzjonijiet, tiddikjarhom recidivi fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 u tikkundannahom kull wiehed minnhom ghal-hlas ta' ammenda ta' hamsa u hamsin euro;